VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,178, 6 ta' Diċembru, 2013
Taqsima B

A.L. 434 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2013 dwar Skema Kummerċjali għal Installazzjonijiet Stazzjonarji tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u bl-artikolu 28 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima u l-Ministru għall-Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma, wara li kkonsultaw mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 dwar Skema Kummerċjali għal Installazzjonijiet Stazzjonarji tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għall-implimentazzjoni f'Malta tal-iskema tal-Unjoni Ewropea ta' permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-attivitajiet elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti, għall-perjodu li jibda għaddej mill-1 ta' Jannar, 2013 u għal kull perjodi sussegwenti. Dawn ir-regolamenti jittrasponu wkoll id-Direttiva 2009/29/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE bil-għan li ttejjeb u testendi l-iSkema Kummerċjali tal-Komunità dwar Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra sakemm din għandha x'taqsam ma' installazzjonijiet stazzjonarji.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2013.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin:

"amministratur tar-reġistru nazzjonali" tfisser l-entità responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kontijiet ta' proprjetà tal-operaturi għan-nom tal-Gvern, liema kontijiet ta' proprjetà tal-operaturi jkunu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Gvern fir-reġistru tal-Unjoni

u appuntata kif previst fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE;

"Attività ta' proġett Implimentata Konġuntement" jew "Attività ta' proġett IK" tfisser attività ta' proġett li ssir kif previst fl-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto u deċiżjonijiet adottati konformement mal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Bdil fil-Klima (UNFCCC) jew mal-Protokoll ta' Kyoto;

Kap. 423. "l-Att" tfisser l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att;

"benefiċjarju propost" tfisser persuna li tirċievi mingħand persuna oħra permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra maħruġ lill-installazzjoni, kollu kemm hu jew biss f'parti;

"Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament - Malta" tfisser il-Bord
L.S. 419.07. Nazzjonali dwar l-Akkreditament mwaqqaf bir-Regolamenti dwar it-Twaqqif tal-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament (Malta);

"detentur ta' kont" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha kont fir-reġistru tal-Unjoni;

"ċessjoni" tfisser ir-rendikont li jingħata dwar permess minn operatur ta' installazzjoni għar-rigward tal-emissjonijiet verifikati tal-installazzjoni;

"dijossidu karboniku ekwivalenti għal tunnellata waħda" tfisser tunnellata metrika waħda ta' dijossidu karboniku (CO_2) jew ammont ta' xi gass serra ieħor elenkat fl-iSkeda 2 li jkollu potenzjal ekwivalenti ta' tisħin globali;

"devjazzjoni" tfisser, dwar il-monitoraġġ ta' emissjonijiet annwali, l-użu ta' approċċ ta' monitoraġġ li jkun differenti, kollu kemm hu jew f'parti minnu, mill-pjan ta' monitoraġġ u rappurtar approvat, fejn dak l-użu jkun wieħed ta' xorta temporanja;

"Direttiva 2003/87/KE" tfisser id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għal permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali fil-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE;

"Direttiva 2009/31/KE" tfisser id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 April 2009 fuq il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva 85/337/

KEE tal-Parlament Ewropew u d-Direttivi tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru. 1013/2006;

"Direttiva 2009/29/KE" tfisser id-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex ittejjeb u testendi l-iskema ta' permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali tal-Komunità;

"domanda ekonomikament ġustifikabbli" tfisser id-domanda li ma tkunx teċċedi l-ħtiġiet għat-tisħin jew it-tkessiħ u li tkun mod ieħor sodisfatta taħt kundizzjonijiet tas-suq minn proċessi ta' ġenerazzjoni tal-enerġija li ma jkunux il-koġenerazzjoni;

"emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx fl-atmosfera ta' gassijiet serra speċifikati dwar xi attività elenkata fl-iSkeda 1, minn sorsi f'istallazzjoni li jkunu qegħdin iwettqu dik l-attività;

"gassijiet serra" tfisser il-gassijiet elenkati fl-iSkeda 2;

"ġeneratur tal-elettriku" tfisser installazzjoni li, fl-1 ta' Jannar, 2005 jew wara, tkun ipproduċiet elettriku għal bejgħ lil terzi, u li fiha ma titwettaq ebda attività elenkata fl-iSkeda 1 ħlief għall-kombustjoni ta' karburanti;

"informazzjoni kunfidenzjali" tfisser kull informazzjoni mhux pubblika li titqies mill-operatur bħala li tkun sensittiva u, jew kull informazzjoni privileġġata li tinkwadra fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti, u li tiġi biss żvelata biex jinġiebu 'l quddiem u jiġu elaborati ċertu finijiet. Fost l-oħrajn tinkludi:

(a) sigrieti kummerċjali;

(b) kull informazzjoni oħra li jkollha valur kummerċjali li tkun, jew tista' raġonevolment tkun mistennija li, tinqered jew titnaqqas li kellha dik l-informazzjoni tiġi żvelata; jew

(ċ) informazzjoni li ma tkunx sigriet kummerċjali jew informazzjoni taħt il-paragrafu (b) dwar xi persuna, organizzazzjoni jew intrapriża f'dak li għandu x'jaqsam mal-affarijiet kummerċjali, professjonali, kummerċjali jew finanzjarji tagħhom;

"installazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja fejn jitwettqu xi attività waħda jew aktar minn waħda elenkati fl-iSkeda 1 kif ukoll kull attività direttament assoċjata oħra li jkollha konnessjoni teknika mal-attivitajiet li jsiru f'dak is-sit u li jista' jkollhom effett fuq l-

emissjonijiet u fuq it-tniġġis;

"irkantatur" tfisser l-Uffiċċju għall-Amministrazzjoni tad-Djun fi ħdan id-Dipartiment tat-Teżor appuntat mill-Gvern biex jirkanta permessi għan-nom tiegħu;

"kanċellament" tfisser meta definittivament isir minn permess mid-detentur tiegħu jew mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali hekk kif jista' jkun japplika;

"koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja" tfisser koġenerazzjoni li tissodisfa l-kriterji għal koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja stabbiliti fir-Regolamenti dwar il-Koġenerazzjoni;

L.S. 423.27.

"kombustjoni" tfisser kull ossidazzjoni ta' karburanti, irrispettivament minn kif tintuża s-sħana u l-enerġija elettrika jew mekkanika li tiġi prodotta b'dan il-proċess, u kull attività oħra assoċjata direttament, inkluż it-tagħrik ta' gass li jkun skart;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-politika ta' bdil fil-klima;

"modifika" tfisser, dwar il-monitoraġġ ta' emissjonijiet annwali, bidla permanenti fi pjan ta' monitoraġġ approvat, kollu kemm hu jew f'parti minnu, u, meta din titqies li tkun ta' xorta sinifikanti, għandha tkun teħtieġ l-approvazzjoni tal-Awtorità biex din issir valida;

"operatur" tfisser kull persuna li topera jew tikkontrolla xi installazzjoni;

"pajjiżi l-inqas żviluppati" tfisser dawk il-pajjiżi inklużi fil-lista ta' Pajjiżi l-Inqas Żviluppati kif definita mill-Kumitat għal Politika dwar l-Iżvilupp u approvata mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti;

"parteċipant ġdid" tfisser:

(a) kull installazzjoni li twettaq xi attività waħda jew aktar minn waħda elenkati fl-iSkeda 1, li tkun kisbet permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ewwel darba wara t-30 ta' Ġunju, 2011; jew

(b) kull installazzjoni li tkun qed twettaq xi attività li tkun inkluża fl-iskema għal permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali fil-Komunità għall-ewwel darba wara l-bidu fis-seħħ tal-perjodu li jibda għaddej fl-1 ta' Jannar, 2013 jew

f'kull perjodu sussegwenti hekk kif jistgħu jkunu jgħidu deċiżjonijiet jew regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE; jew

(ċ) kull installazzjoni li twettaq xi attività waħda jew aktar minn waħda elenkati fl-iSkeda 1, li kellha estensjoni ta' kapaċità sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju, 2011, biss sakemm ikollha x'taqsam din l-estensjoni;

(d) kull installazzjoni li tkun qed twettaq xi attività li tkun inkluża fl-iskema għal permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali fil-Komunità wara l-bidu fis-seħħ tal-perjodu li jibda għaddej fl-1 ta' Jannar, 2013 jew wara l-bidu fis-seħħ ta' perjodu sussegwenti hekk kif jistgħu jkunu jgħidu deċiżjonijiet jew regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE, li kellha estensjoni ta' kapaċità sinifikanti wara t-30 ta' Ġunju, 2011, ikollha x'taqsam din l-estensjoni;

"permess" tfisser permess għall-emissjoni ta' dijossidu karboniku ekwivalenti għal tunnellata waħda matul perjodu speċifikat, li jkun validu biss għall-finijiet li jintlaħqu l-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u li jkun jista' jiġi trasferit kif previst fid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"permess taħt il-Kapitolu II" tfisser permess allokat u maħruġ dwar l-attivitajiet elenkati fl-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE, kif previst fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE;

"permess taħt il-Kapitolu III" tfisser permess allokat u maħruġ dwar l-attivitajiet elenkati fl-Anness I mad-Direttiva 2003/87/KE minbarra attivitajiet tal-avjazzjoni, kif previst fil-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE;

"permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra" tfisser il-permess maħruġ konformement mar-regolament 6;

"persuna" tfisser persuna fiżika jew ġuridika;

"Protokoll ta' Kyoto" tfisser il-Protokoll ta' Kyoto mal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Bdil fil-Klima (UNFCCC);

"il-pubbliku" tfisser persuna waħda jew aktar persuni, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni;

"rappreżentanti awtorizzati" tfisser ir-rappreżentanti, nominati minn detentur ta' kont dwar xi kont fir-Reġistru tal-Unjoni, li

jkollhom aċċess għal dak il-kont u li jeżegwixxu proċessi li jkollhom x'jaqsmu ma' dak il-kont għan-nom tad-detentur ta' kont;

"Regolament (KE) Nru. 765/2008" tfisser ir-Regolament (KE) Nru. 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistipula l-ħtiġiet għal akkreditament u sorveljanza tas-suq li jkollhom x'jaqsmu mat-tqegħid fis-suq ta' prodotti u li jħassar Regolament (KEE) Nru. 339/93;

"reġistru tal-Unjoni" tfisser ir-reġistru stabbilit u miżmum kif previst fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE għall-eżekuzzjoni ta' proċessi li jkollhom x'jaqsmu mal-manutenzjoni ta' kontijiet li jinżammu u l-allokazzjoni, ċessjoni u kanċellament ta' permessi;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti tinkludi l-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja;

"tnaqqis ta' unitajiet iċċertifikati" jew "CER" tfisser unità li tinħareġ konformement mal-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati konformement mal-UNFCCC jew mal-Protokoll ta' Kyoto;

"trasferent propost" tfisser operatur ta' installazzjoni li jittrasferixxi lil xi persuna oħra l-permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra maħruġ lill-installazzjoni, kollu kemm hu jew biss f'parti;

"UNFCCC" tfisser il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Bdil fil-Klima, li bdiet isseħħ fil-21 ta' Marzu, 1994;

"unità ta' tnaqqis ta' emissjonijiet" jew "ERU" tfisser unità maħruġa konformement mal-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati konformement mal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Bdil fil-Klima (UNFCCC) jew mal-Protokoll ta' Kyoto;

"Unjoni" jew "Unjoni Ewropea" ifissru l-Unjoni Ewropea mwaqqfa bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif emendat bit-Trattat ta' Lisbona tal-2009 u kif jista' jkun suġġett għal emendamenti ulterjuri;

"verifikatur" tfisser persuna ġuridika jew xi entità oħra ġuridika li tkun qegħda twettaq attivitajiet ta' verifika konformement ma' dawn ir-regolamenti u akkreditata minn korp ta' akkreditament nazzjonali konformement mar-Regolament (KE) Nru. 765/2008 u

deċiżjonijiet rilevanti u regolamenti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE, jew persuna fiżika li tkun xort'oħra awtorizzata, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) 765/2008, meta jinħareġ rapport ta' verifika.

Kif japplikaw dawn ir-regolamenti.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għal operaturi ta' installazzjonijiet li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Malta u li jkunu qegħdin iwettqu xi attività waħda jew aktar minn waħda elenkati fl-iSkeda 1 li tirriżulta f'emissjonijiet tal-gassijiet serra speċifikati rigward dawk l-attivitajiet fl-iSkeda 1.

Permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra.

4. (1) Ebda operatur ta' installazzjoni m'għandu jwettaq xi attività elenkata fl-iSkeda 1 li tirriżulta f'emissjonijiet speċifikati dwar dik l-attività sakemm dak l-operatur ma jkollux permess maħruġ mill-Awtorità kif previst fir-regolament 6.

(2) Meta operatur ta' installazzjoni jwettaq xi attività elenkata fl-iSkeda 1 mingħajr ma jkollu permess kif previst fis-subregolament (1), l-operatur ta' dik l-installazzjoni jeħel li tiġi imposta fuqu penali amministrattiva:

(a) meta l-emissjonijiet ta' xi installazzjoni matul dik is-sena jkunu daqs jew inqas minn ħamsin elf (50,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, ta' għaxart elef euro (€10,000), u ta' mitt euro (€100) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità mid-data meta jingħata avviż mill-Awtorità lill-operatur;

(b) meta l-emissjonijiet ta' xi installazzjoni matul dik is-sena jkunu ta' iżjed minn ħamsin elf (50,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku u daqs jew inqas minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, ta' ħamsin elf euro (€50,000), u ta' tliet mitt euro (€300) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità mid-data meta jingħata avviż mill-Awtorità lill-operatur;

(ċ) meta l-emissjonijiet ta' xi installazzjoni matul dik is-sena jkunu ta' iżjed minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, ta' mitt elf euro (€100,000), u ta' sitt mitt euro (€600) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità mid-data meta jingħata avviż mill-Awtorità lill-operatur.

(3) Għall-finijiet li tiġi stabbilita l-penali amministrattiva taħt is-subregolament (2), meta l-emissjonijiet tal-installazzjoni ma jkunux magħrufa jew ma jkunux rappurtati jew meta l-Awtorità tkun sodisfatta li ma jkun hemm ebda possibbiltà raġonevoli li l-ammont

ta' emissjonijiet ser ikun rappurtat mill-operatur tal-installazzjoni, l-Awtorità tista' hi nnifisha tistabbilixxi l-emissjonijiet mill-attivitajiet imwettqa f'dik l-installazzjoni. L-Awtorità għandha tutilizza l-aħjar *data* disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. L-operatur tal-installazzjoni jeħel li tiġi imposta fuqu penali amministrattiva ugwali għall-ammonti stabbiliti fis-subregolament (2) dwar l-ammont ta' emissjonijiet valutati kif jidher f'dan is-subregolament.

(4) Permess maħruġ mill-Awtorità kif previst fis-subregolament (1) ikun validu għal kemm idumu jitwettqu l-attività jew attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1 li dwarhom jinħareġ il-permess, kemm-il darba l-permess ma jiġix ċedut kif previst fir-regolament 9 jew revokat kif previst fir-regolament 10.

(5) L-Awtorità għandha tiżgura li permess maħruġ minnha kif previst fis-subregolament (1) għandu jkun disponibbli pubblikament.

Applikazzjonijiet għal permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra.

5. (1) Operatur ta' installazzjoni li tkun qegħda twettaq xi attività elenkata fl-iSkeda 1 għandu japplika għand l-Awtorità għal permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra.

(2) Operatur ta' installazzjoni għandu jippreżenta applikazzjoni għal permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-inqas mija u għoxrin ġurnata qabel il-bidu fis-seħħ tal-attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1 li dwarhom għandha tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal permess, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra bil-miktub bejn l-applikant u l-Awtorità.

(3) Applikazzjoni li ssir lill-Awtorità għal permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra għandha fost l-oħrajn tkun tinkludi dan li ġej:

(a) dik l-informazzjoni li tista' tintalab mill-Awtorità dwar l-operatur tal-installazzjoni;

(b) dik l-informazzjoni li tista' tintalab mill-Awtorità dwar l-applikant, jekk dan ma jkunx l-istess operatur tal-installazzjoni;

(ċ) deskrizzjoni tal-installazzjoni u attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1 li għandhom jitwettqu fl-installazzjoni, inkluża t-teknoloġija użata;

(d) xi jkun il-materjal grezz u awżiljari, li meta jintuża x'aktarx iwassal għal emissjonijiet ta' gassijiet speċifikati fl-iSkeda 1 dwar l-attivitajiet li għandhom jitqwettqu fl-

installazzjoni;

(e) is-sorsi ta' emissjonijiet ta' gassijiet elenkati fl-iSkeda 1 mill-installazzjoni;

(f) deskrizzjoni tal-miżuri ppjanati għall-monitoraġġ u rappurtar ta' emissjonijiet kif previst fir-regolamenti 15 u 16;

(g) kull informazzjoni adatta oħra li tintalab mill-Awtorità;

(h) kull informazzjoni oħra li l-applikant ikun irid lill-Awtorità tqis meta din tkun qegħda tifli l-applikazzjoni tiegħu;

(i) sommarju mhux ta' xorta teknika tad-dettalji msemmija fil-paragrafi (ċ) sa (f).

(4) Kull operatur li qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jkollu fil-pussess tiegħu permess validu għal emissjonijiet tal-gassijiet serra maħruġin taħt ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, għandu jibqa' jżomm dak il-permess taħt il-kondizzjonijiet li jkunu jeżistu sakemm dawk il-kondizzjonijiet ma jiġux riveduti mill-Awtorità: A.L. 140 tal-2005.

Iżda kull operatur bħal dak għandu jikkonforma ruħu ma' dawk il-kondizzjonijiet riveduti li jistgħu jinħarġu mill-Awtorità u b'seħħ minn dik id-data li l-Awtorità għandha tistabbilixxi.

6. (1) L-Awtorità għandha toħroġ permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra li jkun jagħti awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta' gassijiet serra minn kull jew minn parti ta' xi installazzjoni li dwarha ssir l-applikazzjoni għal permess, jekk din tkun sodisfatta li l-operatur tal-installazzjoni jkun jista' jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u mal-kondizzjonijiet tal-permess. Permess għandu jinħareġ fi żmien disgħin ġurnata mid-data meta l-Awtorità tirċievi applikazzjoni għal permess, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra bil-miktub bejn l-operatur u l-Awtorità. Ħruġ ta' permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra, kondizzjonijiet għal dan u kontenut tal-permess.

(2) Permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra maħruġ mill-Awtorità jista' jkun ikopri xi installazzjoni waħda jew aktar minn waħda fuq l-istess sit operat mill-istess operatur. Permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra ma jistax ikun ikopri żewġ installazzjonijiet jew aktar li jkunu jinsabu fuq siti differenti. Permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra ma jistax ikun ikopri żewġ installazzjonijiet jew aktar fuq l-istess sit li jkunu operati minn operaturi differenti.

(3) L-Awtorità għandha tiżgura, meta tkun qegħda toħroġ permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra, li l-permess ikun fost l-oħrajn jinkludi dan li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-operatur;

(b) l-isem u l-indirizz tal-installazzjoni;

(ċ) deskrizzjoni tal-attivitajiet u emissjonijiet koperti mill-permess;

(d) riferenza għal ħtiġiet ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika inkluża l-ħtieġa li jkun hemm pjan ta' monitoraġġ approvat mill-Awtorità;

(e) obbligu li jiġu rappurtati l-emissjonijiet verifikati ta' gassijiet serra speċifikati għall-attività jew attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1 għal kull sena kalendarja, fi żmien tliet xhur wara li tintemm dik is-sena;

(f) obbligu ta' ċessjoni ta' permessi ugwali għall-emissjonijiet totali tal-installazzjoni f'kull sena kalendarja fi żmien erba' xhur wara li tintemm dik is-sena;

(g) ħtiġiet dwar kull avviż li għandu jingħata lill-Awtorità;

(h) il-ħtieġa li jitħallsu penali għal nuqqas ta' konformità mal-paragrafu (f);

(i) kull kondizzjoni oħra li l-Awtorità tqis li tkun adatta biex tiżgura l-ħarsien tal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti.

(4) L-Awtorità għandha tirrevedi permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra maħruġ lil operatur ta' installazzjoni mill-inqas kull ħames snin u tagħmel emendi fil-permess kif jitqies li jkun xieraq.

(5) L-Awtorità tista', f'kull waqt, tvarja l-kondizzjonijiet ta' permess b'tali mod li tista' tqis li jkun xieraq, u toħroġ permess aġġornat:

Iżda hija għandha tgħarraf lill-operatur kopert mill-permess b'dawk il-varjazzjonijiet sa mhux aktar tard minn tletin ġurnata qabel il-ħruġ ta' permess aġġornat.

Tibdil li jsir fl-installazzjonijiet.

7. (1) L-operatur ta' installazzjoni li jkun inħarġilha permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra għandu javża lill-Awtorità:

(a) b'kull bidla ppjanata fix-xorta jew fil-funzjonament tal-installazzjoni; jew

(b) b'kull estensjoni jew tnaqqis fil-kapaċità tal-installazzjoni, li jkunu jistgħu jeħtieġu l-aġġornament tal-permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra; jew

(ċ) fil-każ ta' permess li jkun ikopri aktar minn installazzjoni waħda fuq l-istess sit operat mill-istess operatur, f'kull każ fejn xi installazzjoni waħda jew aktar itemmu milli jwettqu l-attivitajiet kollha elenkati fl-iSkeda 1 koperti mill-permess imma fejn l-operatur jibqa' jwettaq mill-inqas xi attività waħda f'installazzjoni waħda taħt dak il-permess:

Iżda kull avviż bħal dak għandu jsir bil-miktub mill-inqas mija u għoxrin ġurnata qabel ma effettivament iseħħu dik il-bidla, estensjoni jew dak it-tnaqqis fil-kapaċità.

(2) L-Awtorità għandha taġġorna, meta jkun hekk adatt, il-permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra kif ikun il-każ, fi żmien disgħin ġurnata mid-data meta l-Awtorità tirċievi avviż konformement mas-subregolament (1), kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra bil-miktub bejn l-operatur u l-Awtorità.

(3) Meta jkun hemm bidla fl-isem tal-operatur ta' installazzjoni, l-Awtorità għandha taġġorna l-permess biex dan jinkludi l-isem u l-indirizz tal-operatur il-ġdid:

Iżda l-Awtorità għandha tiġi avżata mill-operatur, bil-miktub, bil-bdil fl-isem tal-operatur tal-installazzjoni mill-inqas sittin ġurnata qabel ma tkun ser effettivament isseħħ dik il-bidla.

(4) Operatur li jippermetti li jibdew iseħħu l-bidliet elenkati taħt is-subregolament (1) mingħajr ma javża lill-Awtorità ta' dik il-bidla kif previst f'dan ir-regolament jeħel li tiġi imposta fuqu penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000).

(5) Meta tibda sseħħ bidla fl-isem tal-operatur ta' installazzjoni mingħajr ma dik il-bidla tkun ġiet avżata lill-Awtorità kif previst fis-subregolament (3), l-operatur tal-installazzjoni jeħel li tiġi imposta fuqu penali amministrattiva ta' elf euro (€1,000).

(6) L-Awtorità għandha tavża lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali b'kull bidla li ssir f'permess konformement ma' dan ir-regolament. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiżgura li kull bidla meħtieġa ssir fil-kont jew kontijiet tal-installazzjoni jew installazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu magħhom il-bidliet fil-

permess, hekk li jiġu riflessi dawk il-bidliet.

Trasferiment ta' permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra.

8. (1) Operatur ta' installazzjoni ("it-trasferent propost") jista' jittrasferixxi lil xi persuna oħra ("il-benefiċjarju propost"), kollha kemm huma jew biss f'parti, il-permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra maħruġin lill-installazzjoni.

(2) Applikazzjoni għat-trasferiment ta' permess għandha tiġi ppreżentata lill-Awtorità, bil-miktub, solidalment mit-trasferent propost u mill-benefiċjarju propost.

(3) Applikazzjoni taħt is-subregolament (2) għandha tinkludi din l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz tat-trasferent propost;

(b) l-isem u l-indirizz tal-benefiċjarju propost;

(ċ) l-isem u l-indirizz tal-installazzjoni li magħhom ikollhom x'jaqsmu l-permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra;

(d) fil-każ ta' talba għal trasferiment ta' permess biss f'parti minnu, dik l-informazzjoni li tkun tidentifika l-attività jew attivitajiet jew parti minn attività jew attivitajiet li t-trasferiment ta' permess ikun japplika għalih.

L-Awtorità tista' titlob kull informazzjoni addizzjonali li tista' tqis li tkun meħtieġa biex tipproċessa applikazzjoni għal trasferiment ta' permess.

(4) L-Awtorità għandha twettaq trasferiment ta' permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra, jekk din tkun sodisfatta li l-benefiċjarju propost ikun jista' jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti u mal-kondizzjonijiet tal-permess. It-trasferiment għandu jsir:

(a) fil-każ ta' trasferiment ta' permess kollu kemm hu, billi jiġi trasferit il-permess għall-installazzjoni lill-benefiċjarju propost, aġġornat hekk li jkun jinkludi l-isem u l-indirizz tal-benefiċjarju propost bħala l-operatur tal-installazzjoni;

(b) fil-każ ta' trasferiment ta' permess biss f'parti minnu, billi:

(i) jinħareġ permess ġdid għal emissjonijiet tal-gassijiet serra lill-benefiċjarju propost, fejn jiġi reġistrat it-trasferiment, tiġi identifikata l-attività jew attivitajiet jew

parti minn attività jew attivitajiet li għandhom jiġu trasferiti u identifikati lill-benefiċjarju propost bħala l-operatur dwar l-attività jew attivitajiet koperti mill-permess il-ġdid;

(ii) jiġi rivedut u maħruġ mill-ġdid il-permess għall-emissjonijiet tal-gass serra lit-trasferent propost, filwaqt li jiġi reġistrat it-trasferiment, u l-permess għandu jiġi aġġornat hekk li tiġi identifikata l-attività jew attivitajiet li għandhom jitwettqu fl-installazzjoni operata mit-trasferent propost.

(5) It-trasferiment ta' permess għandu jibda jseħħ fiż-żmien miftiehem bejn it-trasferent propost, il-benefiċjarju propost u l-Awtorità, hekk kif għandu jiġi reġistrat fil-permess.

(6) L-Awtorità għandha tavża lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali b'kull applikazzjoni għat-trasferiment ta' permess li ssirilha u meta dak it-trasferiment jibda jseħħ. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiżgura li kull bidla meħtieġa ssir fil-kont jew kontijiet tal-installazzjoni jew installazzjonijiet li t-trasferiment ta' permess ikollu x'jaqsam magħhom hekk li jiġi rifless it-trasferiment tal-permess.

Ċessjoni ta' permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra.

9. (1) Operatur li jtemm iwettaq l-attivitajiet kollha elenkati fl-iSkeda 1 fl-installazzjonijiet kollha koperti minn permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra għandu jċedi l-permess.

(2) Applikazzjoni għaċ-ċessjoni ta' permess għandha tiġi ppreżentata lill-Awtorità, bil-miktub, sa mhux aktar tard minn tletin ġurnata mid-data meta l-operatur ikun temm iwettaq l-attività jew attivitajiet fl-installazzjoni li magħhom ikollhom x'jaqsmu l-permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra.

(3) Applikazzjoni għaċ-ċessjoni ta' permess għandha tinkludi dan li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

(b) l-isem u l-indirizz tal-installazzjoni li magħha jkollu x'jaqsam il-permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra;

(ċ) id-data meta jkunu ntemmu jitwettqu l-attività jew attivitajiet.

(4) L-Awtorità għandha tipproċessa applikazzjoni għaċ-ċessjoni ta' permess ippreżentat kif previst f'dan ir-regolament fi żmien tletin ġurnata minn meta tirċievi l-applikazzjoni. L-Awtorità

għandha toħroġ avviż ta' ċessjoni ta' permess, li għandu jkun jinkludi dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ħtieġa li jissorvelja, u jirrapporta sa dik id-data li tista' tiġi speċifikata fl-avviż ta' ċessjoni ta' permess, u kif previst f'dawn ir-regolamenti, emissjonijiet verifikati għas-sena li matulha l-avviż isir effettiv sad-data meta l-avviż isir effettiv;

(b) il-ħtieġa li ssir ċessjoni, mid-data li tista' tiġi speċifikata fl-avviż ta' ċessjoni ta' permess, u kif previst f'dawn ir-regolamenti, ammont ta' permessi ugwali għall-emissjonijiet verifikati rappurtati taħt il-paragrafu (a);

(ċ) il-ħtieġa li ssir ċessjoni, mid-data li tista' tiġi speċifikata fl-avviż ta' ċessjoni ta' permess, u kif previst f'dawn ir-regolamenti, ammont ta' permessi ugwali għal emissjonijiet verifikati mhux koperti minn permessi ċeduti dwar snin preċedenti għas-sena meta avviż ta' ċessjoni ta' permess jsir effettiv.

Il-monitoraġġ, rappurtar u verifika ta' emissjonijiet msemmija fil-paragrafu (a) għandhom isiru kif previst fil-ħtiġiet ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika fil-permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra li jkollha x'taqsam miegħu l-applikazzjoni ta' ċessjoni ta' permess.

(5) Il-permess għandu jtemm milli jibqa' jseħħ mid-data meta jsir effettiv l-avviż għaċ-ċessjoni ta' permess sal-limitu li dan ikun jawtorizza t-twettiq ta' xi attività jew attivitajiet fl-installazzjoni jew installazzjonijiet koperti mill-permess:

Iżda kull kondizzjoni li tkun tinsab fil-permess għandha tibqa' effettiva sakemm l-Awtorità tkun sodisfatta li jkunu tħarsu l-ħtiġiet taħt is-subregolament (4) jew li ma jkun hemm ebda possibbiltà raġonevoli li ser jiġu ċeduti aktar permessi mill-operatur tal-installazzjoni jew installazzjonijiet li jkollu x'jaqsam magħhom l-avviż għaċ-ċessjoni ta' permess.

(6) L-Awtorità għandha tavża lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali b'kull applikazzjoni għaċ-ċessjoni ta' permess li ssirilha u d-dħul fis-seħħ ta' dik iċ-ċessjoni. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiżgura li kull bidla meħtieġa ssir fil-kont jew kontijiet tal-installazzjoni jew installazzjonijiet li jkollu x'jaqsam magħhom l-avviż għaċ-ċessjoni ta' permess hekk li tiġi riflessa ċ-ċessjoni tal-permess.

(7) Meta jiġi ċedut permess għal xi installazzjoni mingħajr ma jkunu ġew ċeduti permessi biżżejjed kif previst fir-regolament 19 biex dawn ikopru għall-emissjonijiet kollha rappurtati dwar dik l-installazzjoni, l-operatur ta' dik l-installazzjoni jeħel penali amministrattiva li tiġi imposta fuqu ta' mitt euro (€100) għal dijossidu karboniku ekwivalenti għal kull tunnellata waħda emessa li dwarha l-operatur ma jkunx ċeda l-permessi.

(8) Mill-1 ta' Jannar, 2013, meta, għas-sena li fiha l-operatur ikun qed iċedi l-permess ma jċedix permessi biżżejjed, l-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur annwali medju pubblikat juri żjieda perċentwali kif paragunata mal-aħħar Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur pubblikat għas-sena ta' qabel, il-penali amministrattiva għandha tiżdied bl-istess perċentwali. Il-penali amministrattiva kif riveduta konformement ma' dan is-subregolament għandha tkun tapplika għal snin sussegwenti kemm-il darba din ma tiżdiedxx aktar kif previst fl-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, kull permess li ma jiġix ċedut mill-operatur għal dijossidu karboniku ekwivalenti għal tunnellata waħda emessa għandu jitqies bħala kontravvenzjoni separata.

(9) Għall-finijiet li tiġi deċiża l-penali amministrattiva totali taħt is-subregolament (7), meta l-emissjonijiet tal-installazzjoni jew installazzjonijiet ma jkunux magħrufa, jew ma jkunux rappurtati, jew meta l-Awtorità tkun sodisfatta li ma jkun hemm ebda possibbiltà raġonevoli li xi ammont verifikat ta' emissjonijiet ser ikun rappurtat mill-operatur tal-installazzjoni jew installazzjonijiet koperti mill-permess li jkun ser jiġi ċedut, l-Awtorità tista' hi nnifisha tistabbilixxi l-emissjonijiet mill-attivitajiet imwettqa fl-installazzjoni jew installazzjonijiet. L-Awtorità għandha tutilizza l-aħjar *data* disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. L-operatur jeħel li tiġi imposta fuqu penali amministrattiva ugwali għall-amount stabbilit fis-subregolament (7) dwar l-ammont ta' emissjonijiet valutati kif previst f'dan is-subregolament.

Revoka ta' permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra.

10. (1) L-Awtorità tista', f'kull waqt, tirrevoka permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra maħruġ lil operatur ta' installazzjoni.

(2) L-Awtorità tista' tirrevoka permess kif previst fis-subregolament (1) billi toħroġ avviż ta' revoka ta' permess lill-operatur, li jkun tinkludi dan li ġej:

(a) dik l-informazzjoni li tkun tidentifika ċar lill-operatur u l-installazzjoni jew installazzjonijiet koperti bl-

avviż;

(b) ir-raġunijiet għar-revoka tal-permessi għal emissjonijiet tal-gassijiet serra;

(ċ) id-data meta jibda jseħħ l-avviż, li m'għandux jiġri qabel ħmistax-il ġurnata mid-data tal-avviż;

(d) il-ħtieġa għall-operatur li jissorvelja u jirrapporta, mid-data li tista' tkun speċifikata fl-avviż ta' revoka ta' permess, u kif previst f'dawn ir-regolamenti, dwar emissjonijiet verifikati għal dawk is-snin li matulhom l-operatur wettaq l-attività jew attivitajiet koperti mill-permess u li dwarhom ma jkunx ippreżenta rapport ta' emissjonijiet verifikati;

(e) il-ħtieġa li l-operatur iċedi, mid-data li tista' tkun speċifikata fl-avviż ta' revoka ta' permess, u kif previst f'dawn ir-regolamenti, ammont ta' permessi ugwali għall-amount ta' emissjonijiet rappurtati, għal dawk is-snin li matulhom l-operatur ikun wettaq l-attività jew attivitajiet koperti mill-permess u li dwarhom ma jkunx ċeda permessi.

(3) Il-permess għandu jtemm milli jibqa' jseħħ mid-data meta l-avviż għar-revoka ta' permess isir effettiv sakemm dan ikun jawtorizza t-twettiq ta' xi attività jew attivitajiet fl-installazzjonijiet jew installazzjonijiet koperti mill-permess:

Iżda kull kondizzjoni fil-permess għandha tibqa' effettiva sakemm l-Awtorità tkun sodisfatta li jkunu tħarsu l-ħtiġiet taħt is-subregolament (2) jew li ma jkun hemm ebda possibbiltà raġonevoli li jiġu ċeduti aktar permessi mill-operatur tal-installazzjoni li l-avviż għal revoka ta' permess ikollu x'jaqsam miegħu.

(4) L-Awtorità għandha tavża lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali b'kull revoka ta' permess u meta dik ir-revoka tidħol fis-seħħ. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiżgura li kull bidla meħtieġa ssir fil-kont jew kontijiet tal-installazzjoni jew installazzjonijiet li r-revoka ta' permess ikollha x'taqsam magħhom hekk li din tkun tirrifletti r-revoka tal-permess.

(5) Meta permess għal xi installazzjoni jiġi revokat mingħajr ma jkunu ġew ċeduti permessi biżżejjed biex ikopru l-emissjonijiet kollha rappurtati dwar dik l-installazzjoni kif previst fir-regolament 19, l-operatur ta' dik l-installazzjoni jeħel li tiġi imposta fuqu penali amministrattiva ta' mitt euro (€100) għal dijossidu karboniku ekwivalenti għal kull tunnellata waħda emessa li dwaru l-operatur ma jkunx ċeda permessi.

(6) Mill-1 ta' Jannar, 2013, meta, għas-sena li fiha l-operatur li jkun qed iċedi permess ma jċedix permessi biżżejjed, il-medja annwali ta' Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur pubblikat ikun juri żjieda perċentwali kif paragunata mal-aħħar Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur pubblikat għas-sena ta' qabel, il-penali amministrattiva għandha tiżdied bl-istess perċentwali. Il-penali amministrattiva kif riveduta konformement ma' dan is-subregolament għandha tapplika għas-snin sussegwenti kemm-il darba din ma tiżdiedx aktar kif previst fl-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, kull permess li ma jiġix ċedut mill-operatur għal dijossidu karboniku ekwivalenti għal tunnellata waħda emessa għandu jitqies bħala kontravvenzjoni separata.

(7) Għall-finijiet li tiġi stabbilita l-penali amministrattiva totali taħt is-subregolament (5), meta l-emissjonijiet tal-installazzjoni jew installazzjonijiet ma jkunux magħrufa, jew ma jkunux rappurtati, jew meta l-Awtorità tkun sodisfatta li ma jkun hemm ebda possibbiltà raġonevoli li xi ammont verifikat ta' emissjonijiet ser ikun rappurtat mill-operatur tal-installazzjoni jew installazzjonijiet koperti mill-permess li jkun ser jiġi ċedut, l-Awtorità tista' hi nnifisha tistabbilixxi l-emissjonijiet mill-attivitajiet imwettqa fl-installazzjoni jew installazzjonijiet. L-Awtorità għandha tutilizza l-aħjar *data* disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. L-operatur jeħel penali amministrattiva li tiġi imposta fuqu ugwali għall-ammont stabbilit fis-subregolament (5) dwar l-ammont ta' emissjonijiet valutati kif jidher f'dan is-subregolament.

Allokazzjoni libera ta' permessi.

11. (1) L-Awtorità għandha talloka permessi taħt il-Kapitolu III liberi lil operatur ta' installazzjoni eliġibbli għal allokazzjoni ta' permessi taħt il-Kapitolu III liberi konformement mad-Direttiva 2003/87/KE. Dik l-allokazzjoni għandha ssir kif previst fid-Direttiva 2003/87/KE u f'deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) M'għandha ssir ebda allokazzjoni libera dwar il-produzzjoni ta' xi elettriku, ħlief għal elettriku li jiġi prodott minn gassijiet li jkunu skart.

(3) M'għandha tingħata ebda allokazzjoni libera lil:

(a) ġeneraturi tal-elettriku;

(b) installazzjonijiet għall-qbid ta' dijossidu karboniku;

(ċ) *pipelines* li jġorru d-dijossidu karboniku; jew

(d) siti ta' ħżin tad-dijossidu karboniku.

(4) M'għandha ssir ebda allokazzjoni libera dwar xi produzzjoni tal-elettriku minn parteċipanti ġodda.

(5) It-tisħin fid-distretti u l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja għal domanda ekonomikament ġustifikabbli, ikunu eliġibbli għal allokazzjoni libera, għal dik li hi l-produzzjoni ta' tisħin jew tkessiħ, kif previst fid-Direttiva 2003/87/KE u f'deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(6) M'għandha tingħata ebda allokazzjoni libera lil xi installazzjoni li tkun temmet l-operazzjonijiet tagħha, kemm-il darba l-operatur ma jurix lill-Awtorità li l-installazzjoni tiegħu tkun ser terġa' tibda għaddejja bil-produzzjoni fi żmien speċifikat u raġonevoli. Installazzjoni li dwarha jkun ġie ċedut jew ikun ġie revokat il-permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra għandha titqies li tkun temmet l-operazzjonijiet tagħha. Installazzjoni fejn l-operazzjoni tagħha jew li terġa' tibda l-operazzjoni tagħha jkun teknikament impossibbli għandha titqies li tkun temmet l-operazzjoni tagħha.

(7) Għall-perjodu ta' tmien snin li jibda għaddej fl-1 ta' Jannar, 2013, u għal kull perjodu sussegwenti, l-Awtorità għandha tiżgura li għandha tingħata lista ta' installazzjonijiet koperti minn dawn ir-regolamenti f'Malta, u li kull allokazzjoni libera ma' kull installazzjoni kif previst f'dan ir-regolament, jiġu pubblikati.

Irkantar ta' permessi.

12. (1) L-ammont ta' permessi taħt il-Kapitolu III li mhux ser jiġu allokati bla ebda ħlas, kif stabbilit għal Malta u kif previst fid-Direttiva 2003/87/KE, għandhom jiġu irkantati mill-irkantatur kif previst fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) L-irkantatur għandu jaġixxi kif previst fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

Reġistru tal-Unjoni.

13. (1) Permessi maħruġa lil operaturi ta' installazzjonijiet kif previst f'dawn ir-regolamenti għanhom jinżammu fir-reġistru tal-Unjoni. Operatur ta' installazzjoni għandu jkollu kont ta' proprjetà tal-operatur dwar dik l-installazzjoni fir-reġistru tal-Unjoni.

(2) L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif previst fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti

rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE:

Iżda li l-Awtorità għandha taġixxi bħala l-amministratur tal-reġistru nazzjonali għar-rigward tal-kontijiet ta' proprjetà tal-operaturi ta' installazzjonijiet li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom:

Iżda ukoll li meta l-Awtorità taġixxi bħala l-amministratur tar-reġistru nazzjonali ma għandux ikun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn l-Awtorità u d-detenturi ta' kont ta' proprjetà tal-operaturi.

(3) Talba biex jinfetaħ kont ta' proprjetà tal-operatur għandha ssir mill-Awtorità jew mill-operatur tal-installazzjoni lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali.

(4) Talba għall-ftuħ ta' kont ta' proprjetà tal-operatur għandha tinkludi kull informazzjoni meħtieġa mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali kif hemm fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u ma' kull ħtieġa u mal-pattijiet u kondizzjonijiet magħmulin mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali.

(5) L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiftaħ u jamministra kont ta' proprjetà tal-operatur għal operatur ta' installazzjoni kif previst fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u mal-pattijiet u kondizzjonijiet li din tista' tagħmel. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jiftaħ kont kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li t-talba tkun kif prevista fil-ħtiġiet ta' dan ir-regolament.

(6) Id-detentur ta' kont ta' proprjetà tal-operatur u r-rappreżentanti awtorizzati nominati tiegħu għandhom jaġixxu kif previst fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u mal-pattijiet u kondizzjonijiet magħmulin mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali.

(7) Meta operatur ta' installazzjoni jonqos milli jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet ta' deċiżjonijiet u regolamenti adottati mill-Kummissjoni dwar reġistri jew pattijiet u kondizzjonijiet magħmulin mill-amministratur tar-reġistru nazzjonali dwar ir-reġistri, l-amministratur tar-reġistru nazzjonali jista' jipprevjeni t-trasferiment ta' permessi jew ta' unitajiet ta' kontijiet oħra fi jew barra minn xi kont ta' proprjetà tal-operatur miżmum minn dak l-operatur sakemm

jissewwa kull nuqqas ta' konformità:

Iżda l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jipprevjeni ċ-ċessjoni jew kanċellament ta' permessi kif previst fir-regolament 22.

Ħruġ ta' permessi allokati lil operaturi ta' installazzjonijiet u validità ta' permessi.

14. (1) L-Awtorità għandha, mit-28 ta' Frar ta' kull sena, toħroġ l-ammont ta' permessi taħt il-Kapitolu III li għandhom jiġu allokati għal dik is-sena lil xi installazzjoni kif stabbilit fir-regolament 11.

(2) Il-ħruġ ta' permessi għandu jsir kif previst fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni Ewropea konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(3) Meta -

(a) permess ikun inbidel, kif previst fir-regolament 7, b'tali mod li ma jkunx għadu japplika għal xi installazzjoni; jew

(b) permess ikun ġie ċedut kif previst fir-regolament 9; jew

(ċ) permess ikun ġie revokat kif previst fir-regolament 10,

l-Awtorità għandha tgħarraf lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali. L-Awtorità għandha tiżgura li ma jinħarġu ebda permessi ulterjuri lill-operatur dwar xi installazzjoni soġġetta għal xi waħda mill-kondizzjonijiet taħt dan is-subregolament, għall-ewwel sena wara s-sena meta jkunu bdew iseħħu l-bidla fil-permess, iċ-ċessjoni tal-permess jew ir-revoka tal-permess, u għal snin sussegwenti.

(4) Permessi taħt il-Kapitolu III maħruġin kif previst fis-subregolament (1) dwar il-perjodu li jibda għaddej mill-1 ta' Jannar, 2013 u perjodi sussegwenti ikunu validi għal emissjonijiet matul il-perjodu li jkunu nħarġu għalih.

(5) Erba' xhur wara l-bidu tal-perjodu li jibda għaddej fl-1 ta' Jannar, 2013 u perjodi sussegwenti, l-Awtorità għandha tikkanċella permessi li ma jibqgħux aktar validi għal dak il-perjodu u li ma jkunux ġew ċeduti u kanċellati kif previst fir-regolament 19.

(6) Għal kull perjodu msemmi fis-subregolament (4), l-Awtorità għandha toħroġ permessi lil operaturi għall-perjodu korrenti biex dawn jissostitwixxu l-permessi miżmuma minnhom u li jiġu kanċellati kif previst fis-subregolament (5).

VERŻJONI ELETTRONIKA

Monitoraġġ ta' emissjonijiet annwali.

15. (1) L-operatur ta' installazzjoni għandu jippreżenta lill-Awtorità pjan ta' monitoraġġ li jistabbilixxi miżuri li jissorveljaw u jirrappurtaw emissjonijiet ta' gassijiet serra speċifikati dwar l-attivitajiet li jsiru f'dik l-installazzjoni kif elenkati fl-iSkeda 1. Dawn il-miżuri għandhom ikunu kif previst:

(a) fil-prinċipji stipulati fl-iSkeda 3;

(b) fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) f'kull ħtieġa oħra mitluba mill-Awtorità dwar il-monitoraġġ u rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1.

(2) L-operatur ta' installazzjoni għandu jippreżenta pjan ta' monitoraġġ u rappurtar għall-ewwel darba lill-Awtorità fl-istess ħin li fih issir l-applikazzjoni għal permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra kif previst fir-regolament 4.

(3) Il-pjan ta' monitoraġġ ippreżentat minn operatur ta' installazzjoni konformement mas-subregolament (1) għandu jkun approvat mill-Awtorità jekk din tkun sodisfatta li l-pjan ikun kif previst fil-ħtiġiet stabbiliti taħt dan ir-regolament. L-Awtorità tista' titlob mingħand l-operatur tal-installazzjoni kull informazzjoni addizzjonali li hija tqis li tkun adatta għall-approvazzjoni tal-pjan.

(4) Operatur ta' installazzjoni għandu javża lill-Awtorità b'kull devjazzjoni mill-pjan ta' monitoraġġ li tista' tiġri f'kull waqt wara l-approvazzjoni tal-pjan mill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità għandha tiġi avżata b'kull devjazzjoni mill-pjan:

(a) kemm jista' jkun malajr qabel ma tiġri dik id-devjazzjoni, jekk l-operatur ikun jaf bid-devjazzjoni jew l-operatur isir jaf biha qabel ma din tiġri; jew

(b) minnufih wara li tiġri d-devjazzjoni jekk il-ġrajja tad-devjazzjoni ma tkunx magħrufa mill-operatur jew l-operatur ma jsirx jaf biha qabel jew fil-waqt li din tiġri.

(5) Operatur ta' installazzjoni għandu jżomm *record* dokumentat, li għandu jinkludi informazzjoni kif previst fil-ħtiġiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità, ta' kull devjazzjoni li tiġri matul sena ta' monitoraġġ u għandu jippreżenta dak ir-*record* lill-Awtorità flimkien mar-rapport tal-emissjonijiet annwali ppreżentat konformement mar-regolament 16.

(6) L-operatur ta' installazzjoni għandu jivverifika regolarment jekk il-pjan ta' monitoraġġ approvat ikunx jirrifletti x-xorta u l-funzjoni tal-installazzjoni. Operatur jista', f'kull waqt wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ ta' installazzjoni, jippreżenta lill-Awtorità modifiki proposti li jkunu ser isiru fil-pjan, kif previst fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE. L-operatur għandu jżomm *record* dokumentat tal-modifiki kollha għall-pjan ta' monitoraġġ. Ebda modifika proposta sinifikanti għal pjan approvat ma tkun valida jekk ma jkollhiex l-approvazzjoni tal-Awtorità.

(7) Meta tqis li jkun hekk adatt, l-Awtorità tista' titlob li jiġi ppreżentat pjan rivedut.

(8) Operatur ta' installazzjoni għandu jissorvelja l-emissjonijiet minn dik l-installazzjoni matul kull sena ta' monitoraġġ.

(9) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (4), operatur ta' installazzjoni għandu jissorvelja l-emissjonijiet annwali kif hemm fil-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-Awtorità kif previst f'dan ir-regolament. L-Awtorità tista' tieħu kull azzjoni li tista' tqis li tkun meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti biex tiżgura li operatur ikun qiegħed jissorvelja u jirrapporta l-emissjonijiet annwali kif previst fil-pjan ta' monitoraġġ approvat.

Rappurtar ta' emissjonijiet annwali verifikati.

16. (1) Operatur ta' installazzjoni għandu jirrapporta l-emissjonijiet annwali, sorveljati kif previst fir-regolament 15, għal kull sena ta' monitoraġġ konformement:

(a) mal-prinċipji mniżżla fl-iSkeda 3; u

(b) mad-deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) ma' kull ħtieġa oħra li ssir mill-Awtorità dwar ir-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1.

(2) Operatur ta' installazzjoni għandu jippreżenta lill-Awtorità rapport fuq l-emissjonijiet minn dik l-installazzjoni għal sena ta' monitoraġġ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti.

(3) Ir-rapport ippreżentat minn operatur ta' installazzjoni konformement mas-subregolament (2) għandu jiġi verifikat minn verifikatur konformement:

(a) mal-prinċipji mniżżla fl-iSkeda 4; u

(b) mad-deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) ma' kull ħtieġa oħra li ssir mill-Awtorità dwar il-verifika ta' rapporti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1.

(4) Għandu jiġi ppreżentat rapport ta' verifika mill-operatur ta' installazzjoni flimkien mar-rapport dwar l-emissjonijiet li jiġi ppreżentat.

(5) Meta operatur ta' installazzjoni jonqos milli jippreżenta rapport annwali dwar l-emissjonijiet għal xi sena ta' monitoraġġ li tkun ġiet verifikata bħala sodisfaċenti sal-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti, l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jippermetti t-trasferiment ta' permessi jew ta' kull unità ta' kontijiet oħra barra mill-kont ta' proprjetà tal-operatur sakemm ir-rapport tal-operatur dwar dik l-installazzjoni ma jkunx ġie verifikat bħala wieħed sodisfaċenti:

Iżda l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jipprevjeni ċ-ċessjoni jew kanċellament ta' permessi kif previst fir-regolament 19, jew il-ħruġ ta' permessi fi skambju għal CERs jew ERUs kif previst fir-regolament 20.

(6) Verifikatur li jkun qiegħed jagħmel verifika ta' rapport annwali dwar l-emissjonijiet ta' xi installazzjoni għandu javża lill-Awtorità u lill-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament (Malta) bil-ħin u l-post ippjanati għall-verifika u bl-identità tal-installazzjoni li r-rapport tal-emissjonijiet annwali tagħha jkun soġġett għal dik il-verifika sa mhux aktar tard minn tletin ġurnata qabel id-data meta tkun ser issir il-verifika.

Aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti tar-rapport dwar emissjonijiet annwali verifikati u kif jiġu stabbiliti l-emissjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' rappurtar jew nuqqas ta' verifika.

17. (1) L-Awtorità tista' twettaq kull verifika li tista' tqis li tkun meħtieġa biex tiżgura li rapport ippreżentat minn operatur ikun kif previst fir-regolament 16.

(2) L-Awtorità għandha, abbażi tal-informazzjoni inkluża fir-rapport ippreżentat, fir-rapport ta' verifika ippreżentat kif previst fir-regolament 16 u l-verifiki tagħha nnifisha, u sa mhux aktar tard minn tletin ġurnata wara d-data tal-preżentata tar-rapport, tistabbilixxi jekk tistax taċċetta r-rapport ippreżentat. L-Awtorità m'għandhiex taċċetta rapport tal-emissjonijiet annwali li dwaru ma jkunx ġie ppreżentat ir-rapport ta' verifika. L-Awtorità għandha tgħarraf lill-operatur, bil-miktub jew b'mezzi oħra dokumentati, bid-deċiżjoni tagħha. Meta tqis li jkun hekk meħtieġ, l-Awtorità tista' titlob li jiġi ppreżentat rapport annwali rivedut dwar l-emissjonijiet. Ir-rapport annwali

rivedut dwar l-emissjonijiet għandu jiġi verifikat kif previst fir-regolament 16.

(3) Meta, dwar xi sena ta' monitoraġġ, operatur ta' installazzjoni ma jippreżentax rapport verifikat dwar l-emissjonijiet kif previst fir-regolament 16, jew meta jitqies li l-operatur ma jkunx ippreżenta rapport dwar l-emissjonijiet li jkun kif prevista fil-ħtiġiet mniżżla fir-regolament 16, l-Awtorità tista' tistabbilixxi, kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim bil-miktub bejn l-Awtorità u l-operatur u li jkun jipprovdi xort'oħra, hi nnifisha xi jkunu l-emissjonijiet għal attivitajiet imwettqa f'dik l-installazzjoni għal dik is-sena. L-Awtorità għandha tutilizza l-aħjar *data* disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. Meta l-emissjonijiet annwali jiġu stabbiliti taħt dan is-subregolament, l-Awtorità għandha tqis il-ħtiġiet imniżżla fl-iSkedi 3 u 4:

Iżda l-Awtorità għandha tavża lill-operatur tal-installazzjoni tal-emissjonijiet dwar kif ġew stabbiliti l-emissjonijiet u l-metodoloġija użata għaldaqstant.

Penali dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet annwali.

18. (1) Operatur ta' installazzjoni li jonqos milli jippreżenta pjan ta' monitoraġġ kif previst fir-regolament 15 għall-perjodu li jibda għaddej fl-1 ta' Jannar, 2013 jew f'perjodu sussegwenti, jiġu imposti fuqu:

(a) dwar operatur ta' installazzjoni li jkollu emissjonijiet għall-ewwel sena kalendarja tal-perjodu li l-pjan ikun jirreferi għalih jew għall-ewwel sena meta tkun qegħda titwettaq xi attività koperta minn dawn ir-regolamenti matul il-perjodu li l-pjan ikun jirreferi għalih li jkunu daqs jew inqas minn ħamsin elf (50,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000) u, jew, mitt euro (€100) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data meta jingħata avviż mill-Awtorità lill-operatur;

(b) dwar operatur ta' installazzjoni li jkollu emissjonijiet għall-ewwel sena kalendarja tal-perjodu li l-pjan ikun jirreferi għalih jew għall-ewwel sena meta tkun qegħda titwettaq xi attività koperta minn dawn ir-regolamenti matul il-perjodu li l-pjan ikun jirreferi għalih li jkunu ta' iżjed minn ħamsin elf (50,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku u daqs jew inqas minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' għaxart elef euro (€10,000) u, jew, tliet mitt euro (€300) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data meta jingħata avviż mill-

Awtorità lill-operatur;

(ċ) dwar operatur ta' installazzjoni li jkollu emissjonijiet għall-ewwel sena kalendarja tal-perjodu li l-pjan ikun jirreferi għalih jew għall-ewwel sena meta tkun qegħda titwettaq xi attività koperta minn dawn ir-regolamenti matul il-perjodu li l-pjan ikun jirreferi għalih li jkunu ta' iżjed minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' ħamsin elf euro (€50,000) u, jew, sitt mitt euro (€600) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data meta jingħata avviż mill-Awtorità lill-operatur.

(2) Operatur ta' installazzjoni li jonqos milli jissorvelja l-emissjonijiet annwali matul xi sena kif previst fir-regolament 15 jew li jonqos milli jippreżenta rapport annwali dwar emissjonijiet verifikati dwar xi sena kif previst fir-regolament 16 jiġu imposti fuqu:

(a) dwar operatur ta' installazzjoni li jkollu emissjonijiet għal dik is-sena li jkunu daqs jew inqas minn ħamsin elf (50,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000) u, jew, mitt euro (€100) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data meta jingħata avviż mill-Awtorità lill-operatur;

(b) dwar operatur ta' installazzjoni li jkollu emissjonijiet għal dik is-sena li jkunu ta' iżjed minn ħamsin elf (50,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku u daqs jew inqas minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' għaxart elef euro (€10,000) u, jew, tliet mitt euro (€300) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data meta jingħata avviż mill-Awtorità lill-operatur;

(ċ) dwar operatur ta' installazzjoni li jkollu emissjonijiet għal dik is-sena li jkunu ta' iżjed minn ħames mitt elf (500,000) tunnellata metrika ta' ekwivalenti ta' dijossidu karboniku, penali amministrattiva ta' ħamsin elf euro (€50,000) u, jew, sitt mitt euro (€600) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data meta jingħata avviż mill-Awtorità lill-operatur.

(3) Għall-finijiet li tiġi stabbilita l-penali amministrattiva taħt dan ir-regolament, meta l-emissjonijiet tal-installazzjoni ma jkunux magħrufa jew meta l-Awtorità tkun sodisfatta li ma jkun hemm ebda

possibbiltà raġonevoli li xi ammont verifikat ta' emissjonijiet ser ikun rappurtat mill-operatur tal-installazzjoni, l-Awtorità tista' hi nnifisha tistabbilixxi l-emissjonijiet mill-attivitajiet imwettqa f'dik l-installazzjoni. L-Awtorità għandha tutilizza l-aħjar *data* disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. L-operatur tal-installazzjoni jeħel li tiġi imposta fuqu penali amministrattiva ugwali għall-ammonti stabbiliti fis-subregolamenti (1) u (2) dwar l-ammont ta' emissjonijiet kalkolati mill-Awtorità kif previst f'dan is-subregolament.

Ċessjoni u kanċellament ta' permessi.

19. (1) Mit-30 ta' April ta' kull sena, operatur ta' installazzjoni għandu jċedi għadd ta' permessi, minbarra permessi taħt il-Kapitolu II, ugwali għall-emissjonijiet totali minn dik l-installazzjoni matul is-sena kalendarja rapportata qabel u verifikati kif previst fir-regolament 16, jew kif stabbilit mill-Awtorità kif previst fir-regolament 17. Operatur ta' installazzjoni ma jistax iċedi permessi taħt il-Kapitolu II.

(2) L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jikkanċella permessi ċeduti kif previst fis-subregolament (1).

(3) L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jikkanċella permessi f'kull waqt fuq talba ta' operatur ta' installazzjoni li jkollha dawn il-permessi.

(4) M'għandux ikun hemm obbligu ta' ċessjoni ta' permessi dwar emissjonijiet verifikati kif maqbudin u trasportati għal ħżin permanenti lejn faċilità li jkun hemm permess dwarha kif previst fid-Direttiva 2009/31/KE.

(5) Iċ-ċessjoni u l-kanċellament ta' permessi għandu jsir kif previst fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(6) L-Awtorità għandha tippubblika l-isem ta' kull operatur li jikser il-ħtieġa li jċedi permessi biżżejjed taħt is-subregolament (1).

(7) Operatur li ma jċedix permessi biżżejjed sat-30 ta' April ta' kull sena kif meħtieġ taħt is-subregolament (1) biex ikopri l-emissjonijiet tiegħu matul is-sena ta' qabel jeħel li tiġi imposta fuqu penali amministrattiva ta' mitt euro (€100) għal kull dijossidu karboniku ekwivalenti għal tunnellata waħda emessa li dwarha l-operatur ma jkunx ċeda l-permessi.

(8) Mill-1 ta' Jannar, 2013, meta, għas-sena li fiha operatur ta' installazzjoni ma jċedix permessi biżżejjed biex ikopri emissjonijiet matul dik is-sena kif previst fis-subregolament (1), l-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur medju annwali pubblikat

ikun juri żjieda perċentwali kif paragunata mal-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur l-aktar tardiv pubblikat għas-sena ta' qabel, il-penali amministrattiva għandha tiżdied bl-istess perċentwali. Il-penali amministrattiva kif riveduta konformement ma' dan is-subregolament għandha tapplika għas snin sussegwenti kemm-il darba ma tiġix miżjuda aktar kif hemm fl-Indiċi Ewropew Armonizzat ta' Prezzijiet għall-Konsumatur. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, kull permess li ma jiġix ċedut mill-operatur għal dijossidu karboniku ekwivalenti għal tunnellata waħda emessa għandu jitqies bħala kontravvenzjoni separata.

(9) Meta tiġi imposta penali amministrattiva kif preskritt fis-subregolament (7), dan m'għandux jeħles lill-operatur mill-obbligu li jċedi ammont ta' permessi ugwali għal dawk emissjonijiet li jsiru b'eċċess li dwarhom titħallas il-penali amministrattiva meta jkunu qegħdin jiġu ċeduti permessi rigward is-sena kalendarja li jmiss.

(10) Meta operatur ta' installazzjoni jonqos milli jċedi permessi kif previst fis-subregolament (1), l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jippermetti t-trasferiment ta' permessi jew tal-unitajiet ta' kontijiet l-oħra kollha mill-kont ta' proprjetà tal-operatur li jinfetaħ dwar dik l-installazzjoni sakemm l-operatur jikkonforma ruħu mal-ħtieġa li jċedi permessi:

Iżda l-amministratur tar-reġistru nazzjonali m'għandux jipprevjeni ċ-ċessjoni ta' permessi kif previst fis-subregolament (1) jew il-kanċellament ta' permessi kif previst fis-subregolament (4), jew il-ħruġ ta' permessi fi skambju għal CERs jew ERUs kif previst fir-regolament 20.

Użu ta' CERs u ERUs minn attivitajiet proġettati fl-iskema kummerċjali tal-UE għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020.

20. (1) Sal-limitu li ma jkunux intużaw il-livelli ta' użu ta' CER u ERU, permessi lil operatur ta' installazzjoni għall-perjodu mill-2008 sal-2012, jew meta jingħata l-jedd li jintużaw krediti taħt is-subregolament (5), l-operatur jista' jitlob li jinħarġulu permessi validi mill-2013 'il quddiem fi skambju għal CERs u ERUs maħruġin dwar riduzzjonijiet ta' emissjonijiet sal-2012 minn tipi proġettati li kienu eliġibbli biex jintużaw fl-iskema tal-Unjoni matul il-perjodu mill-2008 sal-2012. Sal-31 ta' Marzu, 2015, l-Awtorità għandha tagħmel skambju bħal dak meta jiġi mitlub.

(2) Sal-limitu li ma jkunux intużaw il-livelli ta' użu CER u ERU, permessi lil operatur ta' installazzjoni għall-perjodu mill-2008 sal-2012, jew meta jingħata l-jedd li jintużaw krediti taħt is-subregolament (5), l-operatur jista' jiskambja CERs u ERUs maħruġin dwar riduzzjonijiet ta' emissjonijiet mill-2013 'il quddiem minn tipi proġettati li kienu reġistrati qabel l-2013 u li kienu eliġibbli biex jintużaw fl-iskema tal-Unjoni matul il-perjodu mill-2008 sal-

2012, ma' permessi validi mill-2013 'il quddiem.

(3) Sal-limitu li ma jkunux intużaw il-livelli ta' użu CER u ERU, permessi lil operatur ta' installazzjoni għall-perjodu mill-2008 sal-2012, jew meta jingħata l-jedd li jintużaw krediti taħt is-subregolament (5), l-operatur jista' jiskambja CERs u ERUs maħruġin dwar riduzzjonijiet ta' emissjonijiet mill-2013 'il quddiem minn tipi proġettati li nbdew mill-2013 'il quddiem fil-pajjiżi l-inqas żviluppati u li kienu eliġibbli biex jintużaw fl-iskema tal-Unjoni matul il-perjodu mill-2008 sal-2012, ma' permessi validi mill-2013 'il quddiem. Dan is-subregolament japplika sakemm dawk il-pajjiżi jkunu irratifikaw ftehim rilevanti mal-Unjoni jew sal-2020, jiddependi minn liema data taħbat l-ewwel.

(4) Sal-limitu li ma jkunux intużaw il-livelli ta' użu CER u ERU, permessi lil operatur ta' installazzjoni għall-perjodu mill-2008 sal-2012, jew meta jingħata l-jedd li jintużaw krediti taħt is-subregolament (5), l-operatur jista' juża krediti minn proġetti jew minn attivitajiet oħra li jnaqqsu l-emissjonijiet kif hemm f'kull ftehim li jista' jsir mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi, sal-livelli ta' użu speċifikati f'kull ftehim bħal dak, sabiex jitħarsu l-obbligi taħt dawn ir-regolamenti.

(5) Għall-perjodu mill-2013 sal-2020 operatur ta' installazzjoni ikollu jedd juża ammont addizzjonali ta' CERs u ERUs sa ammont li jkun jikkorrispondi għal perċentwali tal-emissjonijiet verifikati tiegħu matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2013 sal-31 ta' Diċembru, 2020, kif jista' jiġi stabbilit mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(6) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, l-operaturi m'għandhomx jużaw CERs jew ERUs li dwarhom ikunu japplikaw restrizzjonijiet tal-użu kif previst fid-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

Ħruġ ta' CERs jew ERUs minn attivitajiet proġettati.

21. Ebda CER jew ERU m'għandu jinħareġ għal riduzzjonijiet jew limitazzjonijiet ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra dwar attivitajiet li jinkwadraw fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti.

Aċċess għal informazzjoni, kxif ta' informazzjoni u segretezza professjonali. L.S. 504.65.

22. Deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-allokazzjoni ta' permessi lil operaturi ta' installazzjonijiet u rapporti ta' emissjonijiet ippreżentati kif previst fir-regolament 17 għandhom jintgħamlu disponibbli għall-pubbliku kif hemm fir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent:

Iżda kull aċċess għal *data* personali għandu jsir kif previst fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, u informazzjoni koperta minn segretezza professjonali ma tista tiġi żvelata lil ebda persuna jew awtorità oħra ħlief bis-saħħa tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli u, jew, tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Segretezza Professjonali: Kap. 440. Kap. 377.

Iżda wkoll mingħajr preġudizzju għal dan ir-regolament u għall-obbligu li jista' jiġi impost fuq l-Awtorità biex din tiżvela xi informazzjoni, l-Awtorità m'għandha tiżvela ebda informazzjoni kunfidenzjali jew xi partijiet minnha jew kull informazzjoni oħra li għandha tiġi ttrattata bħala waħda kummerċjalment kunfidenzjali:

Iżda wkoll kull informazzjoni li għandha tiġi ttrattata bħala waħda kummerċjalment kunfidenzjali għandha titgħarraf f'kull waqt lill-Awtorità.

Preżentata ta' applikazzjonijiet, monitoraġġ u pjanijiet ta' rappurtar u rapporti.

23. L-Awtorità tista' titlob li d-dħul ta' applikazzjonijiet, pjanijiet u rapporti ta' monitoraġġ u rappurtar taħt dawn ir-regolamenti jsiru bil-mod u l-manjiera u permezz tal-medja speċifikati minnha.

Dħul minn permessi ta' irkantar.

24. Id-dħul li jsir mill-irkantar ta' permessi, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż awditjati biex tiġi amministrata l-iskema miftehma bejn il-Ministeru responsabbli għall-finanzi u l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għandu jakkumula favur il-fond konsolidat.

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

25. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkollu ġurisdizzjoni jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet tal-Awtorità li jittieħdu taħt dawn ir-regolamenti.

Jirrevoka l-Avviż Legali 140 tal-2005.

26. Ir-Regolamenti tal-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra huma b'dawn revokati.

B 4986

Skeda 1

Regolamenti 1(2), 2, 3, 4(1), 4(2), 4(4), 5(1), 5(2), 5(3)(ċ), 5(3)(d), 5(3)(e), 6(3)(e), 7(1)(ċ), 9(1), 15(1), 15(1)(ċ), 16(1)(a), 16(1)(ċ), 16(3)(ċ).

Kategoriji ta' Attivitajiet li dawn ir-regolamenti japplikaw għalihom

1. Installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjonijiet li jintużaw għar-riċerka, żvilupp u provi ta' prodotti u proċessi ġodda u installazzjonijiet li esklużivament jużaw il-bijomassa m'humiex koperti b'dawn ir-regolamenti.

2, Il-valuri ta' limiti mogħtijin hawn iktar 'l isfel ġeneralment jirreferu għal kapaċitajiet jew riżultati ta' produzzjoni. Meta fl-istess installazzjoni jitwettqu diversi attivitajiet li jinkwadraw taħt l-istess kategorija, il-kapaċitajiet ta' dawk l-attivitajiet jingħaddu flimkien.

3. Meta tiġi kalkolata l-introduzzjoni termika stmata totali ta' xi installazzjoni sabiex jiġi deċiż dwar jekk din għandhiex tiġi inkluża fl-iskema Komunitarja, l-introduzzjonijiet termiċi stmati ta' kull unità teknika li tifforma parti minnha, fejn issir il-kombustjoni ta' karburanti fl-installazzjoni, għandhom jingħaddu flimkien. Dawn l-unitajiet jistgħu jinkludu kull tip ta' *boilers*, *burners*, turbini, *heaters*, fran tal-funderiji, inċineraturi, kalċinaturi, *kilns*, fran tal-kokk, nixxiefa, makni, batteriji kombustibbli, unitajiet ta' kombustjoni b'ċiklu kimiku kontinwu, *flares*, u unitajiet termiċi u katalittiċi ta' wara l-kombustjoni. Unitajiet li jkollhom introduzzjoni termika stmata taħt it-3MW u unitajiet li esklużivament jużaw il-bijomassa m'għandux jittieħdu f'konsiderazzjoni għall-finijiet ta' dan il-kalkolu. 'Unitajiet li esklużivament jużaw il-bijomassa' tinkludi unitajiet li jużaw karburanti fossili biss waqt li dik l-unità tkun qegħda tibda titħaddem jew tintefa.

4. Jekk unità tiffunzjona f'xi attività li dwarha l-limitu ma jkunx espress bħala l-introduzzjoni termika totali stmata, il-livell ta' din l-attività għandu jkollu preċedenza fuq id-deċiżjoni dwar l-inklużjoni fl-iskema Komunitarja.

5. Meta l-livell ta' kapaċità ta' xi attività f'din l-iSkeda jinsab li jkun ġie maqbuż f'xi installazzjoni, l-unitajiet kollha li fihom issir il-kombustjoni ta' karburanti, minbarra l-unitajiet għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż jew muniċipali, għandhom jiġu inklużi fil-permess ta' emissjonijiet gass serra.

Attivitajiet	Gassijiet serra
Kombustjoni ta' karburanti f'installazzjonijiet li jkollhom introduzzjoni termika totali stmata li teċċedi l-20MW (ħlief f'installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż jew muniċipali)	Dijossidu karboniku
Raffinar ta' żjut minerali	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' kokk	Dijossidu karboniku

Tisħin jew tagħqid tal-minerali tal-metall (inkluż il-mineral tas-sulfid), inkluż it-tiswir f'gerbubiet	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' ħadid grezz jew azzar (fużjoni primarja jew sekondarja) inkluż it-tidwib kontinwu, b'kapaċità li teċċedi 2.5 tunnellata metrika fis-siegħa	Dijossidu karboniku
Produzzjoni jew ipproċessar ta' metalli ferrużi (inklużi liegi tal-ħadid) fejn jitħaddmu unitajiet ta' kombustjoni li jkollhom introduzzjoni termika totali stmata li teċċedi l-20MW. L-ipproċessar ikun fost l-oħrajn jinkludi fabbriki tar-rumblar, apparat li jerġa' jsaħħan, fran ta' rikottura, foroġ, funderiji, kisi u *pickling*	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' aluminju primarju	Dijossidu karboniku u perflworokarboni
Produzzjoni ta' aluminju sekondarju fejn jitħaddmu unitajiet ta' kombustjoni li jkollhom introduzzjoni termika totali stmata li teċċedi l-20MW	Dijossidu karboniku
Produzzjoni jew ipproċessar ta' metalli mhux ferrużi, inkluża l-produzzjoni ta' ligi, raffinar, tidwib fil-funderiji, eċċ., fejn jitħaddmu unitajiet ta' kombustjoni li jkollhom introduzzjoni termika totali stmata (inklużi karburanti użati bħala sustanzi riduttivi) li jeċċedu l-20MW	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' gagazza tas-siment fi fran irrumblati li kapaċi jipproduċu aktar minn 500 tunnellata metrika kuljum jew fi fran oħra li kapaċi jipproduċu aktar minn 50 tunnellata metrika kuljum	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' ġir jew kalċinazzjoni ta' dolomit jew manjeżit fi fran irrumblati jew fi fran oħra li kapaċi jipproduċu aktar minn 50 tunnellata metrika kuljum	Dijossidu karboniku
Manufattura ta' ħġieġ inkluża fibra tal-ħġieġ b'kapaċità ta' tidwib ta' aktar minn 20 tunnellata metrika kuljum	Dijossidu karboniku
Manufattura ta' prodotti ċeramiċi bil-ħruq, partikolarment ta' madumiet tat-tisqif, brikks, brikks refrattarji, matum, oġġetti tal-ġebel jew porċellana, b'kapaċità ta' produzzjoni ta' aktar minn 75 tunnellata metrika kuljum	Dijossidu karboniku
Manufattura ta' materjal ta' iżolament ta' suf minerali fejn jintuża l-ħġieġ, blat jew gagazza b'kapaċità ta' tidwib ta' aktar minn 20 tunnellata metrika kuljum	Dijossidu karboniku
Tinxif jew kalċinazzjoni ta' ġipsum jew produzzjoni ta' injam tal-ġipsum u prodotti oħra tal-ġipsum, fejn jitħaddmu unitajiet ta' kombustjoni li jkollhom introduzzjoni termika totali stmata li teċċedi l-20MW	Dijossidu karboniku

Produzzjoni ta' polpa tal-injam jew minn materjal fibruż ieħor	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' karta jew kartun li kapaċi jipproduċu aktar minn 20 tunnellata metrika kuljum	Dijossidu karboniku
Produzzjoni tal-iswed tal-karbonju billi jdaħħal il-karbonizzazzjoni ta' sustanzi organiċi bħal m'huma żjut, qatran, residwi ta' sustanzi li jħollu u jiddistillaw, fejn jitħaddmu unitajiet ta' kombustjoni li jkollhom introduzzjoni termika totali stmata li teċċedi l-20MW	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' aċidu nitriku	Dijossidu karboniku u ossidu nitrju
Produzzjoni ta' aċidu adipiku	Dijossidu karboniku u ossidu nitrju
Produzzjoni ta' glijossal u aċidu glijossilat	Dijossidu karboniku u ossidu nitrju
Produzzjoni ta' ammonja	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' sustanzi kimiċi organiċi bl-ingrossa minn tidwib, rifurmar, ossidazzjoni parzjali jew sħiħa jew minn proċessi simili, li kapaċi jipproduċu aktar minn 100 tunnellata metrika kuljum	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' idroġenu (H_2) u gass ta' sintesi mir-rifurmar jew ossidazzjoni parzjali li kapaċi jipproduċu aktar minn 25 tunnellata metrika kuljum	Dijossidu karboniku
Produzzjoni ta' irmied tas-soda (Na_2CO_3) u bikarbonat tas-sodju ($NaHCO_3$)	Dijossidu karboniku
Qbid ta' gassijiet serra minn installazzjonijiet koperti mid-Direttiva għall-fini ta' trasport u ħżin ġeoloġiku f'sit ta' ħżin permess taħt id-Direttiva 2009/31/KE	Dijossidu karboniku
Trasport ta' gassijiet serra minn *pipelines* għal ħżin ġeoloġiku f'sit ta' ħżin permess taħt id-Direttiva 2009/31/KE	Dijossidu karboniku
Ħżin ġeoloġiku ta' gassijiet serra f'sit ta' ħżin permess taħt id-Direttiva 2009/31/KE	Dijossidu karboniku

Skeda 2

Regolament 2

Gassijiet serra

Dijossidu karboniku (CO_2)

Metanu (CH_4)

Ossidu nitrju (N^2O)

Idroflworokarboni (HFCs)

Perflworokarboni (PFCs)

Hexafluoride tal-Kubrit (SF_6)

Skeda 3

Regolamenti 15(1)(a), 16(1)(a).

Prinċipji għal Monitoraġġ u Rappurtar tal-emissjonijiet annwali

Monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' dijossidu karboniku

Għandu jsir monitoraġġ fuq l-emissjonijiet jew permezz ta' kalkoli jew abbażi ta' qisien li jittieħdu.

Kalkoli

Il-kalkoli ta' emissjonijiet għandhom isiru billi tintuża l-formula:

Data dwar attivitajiet x Fattur ta' emissjoni x Fattur ta' ossidazzjoni

Id-*data* dwar attivitajiet (karburanti użati, rata ta' produzzjoni eċċ.) għandhom ikunu sorveljati abbażi ta' *data* dwar il-provvista jew tikjil.

Għandhom jintużaw fatturi ta' emissjoni aċċettati. Fatturi ta' emissjoni speċifiċi għal xi attività jiġu aċċettati għall-karburanti kollha. Hemm fatturi li jiġu tabilfors aċċettati għall-karburanti kollha ħlief għal dawk li ma jkunux ta' xorta kummerċjali (karburanti skart bħal m'huma *tyres* u gassijiet fi proċessi industrijali). Għandhom jiġu elaborati aktar minn ħekk fattizzi ta' qsim speċifiċi għall-faħam, u fattizzi speċifiċi tal-UE jew speċifiċi tal-pajjiż produttur għall-gass naturali. Fattizzi ta' valur IPCC huma aċċettabbli għal prodotti tar-raffinerija. Il-fattur ta' emissjoni għall-bijomassa jkun ta' żero.

Jekk il-fattur ta' emissjoni ma jieħux konsiderazzjoni tal-fatt li xi ftit mill-karbonju ma jkunx ossidizzat, għaldaqstant għandu jintuża fattur ta' ossidazzjoni addizzjonali. Jekk ikunu ġew kalkulati fatturi ta' emissjoni speċifiċi għal xi attività u dawn ikunu diġà ħadu konsiderazzjoni tal-ossidazzjoni, għaldaqstant m'hemmx għalfejn jiġi applikat fattur ta' ossidazzjoni.

Għandhom jintużaw fatturi ta' ossidazzjoni tabilfors li jiġu żviluppati konformement mad-Direttiva 96/61/KE*, kemm-il darba l-operatur jista' juri li xi fatturi speċifiċi għal xi attività jkunu aktar eżatti.

Għandu jsir kalkolu separat għal kull attività, installazzjoni u għal kull karburanti.

Qisien

It-tikjil ta' emissjonijiet għandu jutilizza metodi standardizzati jew aċċettati, u għandu jiġi korroborat b'kalkolu ta' sostenn dwar l-emissjonijiet.

Monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra oħra

Għandhom jintużaw metodi standardizzati jew aċċettati, kif żviluppati u adottati mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-parteċipanti kollha rilevanti fil-proġett.

Rappurtar ta' emissjonijiet

Kull operatur għandu jinkludi din l-informazzjoni li ġejja fir-rapport dwar l-installazzjoni:

A. *Data* li tkun tidentifika l-installazzjoni, inklużi:

- L-isem tal-installazzjoni;
- L-indirizz relattiv, inklużi l-kodiċi postali u l-pajjiż;
- It-tip u numru ta' attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1 imwettqa fl-installazzjoni;
- L-indirizz, numru tat-telefon, *fax* u *e-mail* u dettalji dwar il-persuna li magħha jsir kuntatt; u
- L-isem ta' sid l-installazzjoni, u tal-kumpannija prinċipali jekk ikun hemm.

B. Dwar kull attività elenkata fl-iSkeda 1 li titwettaq fuq is-sit u li

*Direttiva 96/61/KE: Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u kontroll ta' tniġġis integrat.

jkollha emissjonijiet, għandhom jiġu kalkolati:

- Id-data tal-attività;
- Il-fatturi ta' emissjoni;
- Il-fatturi ta' ossidazzjoni;
- L-emissjonijiet totali; u
- L-inċertezza.

Ċ. Dwar kull attività elenkata fl-iSkeda 1 li titwettaq fuq is-sit u li jkollha emissjonijiet, għandhom jitkejlu:

- L-emissjonijiet totali;
- Informazzjoni fuq l-affidabilità ta' metodi ta' tikjil; u
- L-inċertezza.

D. Dwar emissjonijiet kaġunati mill-kombustjoni, ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-fattur tal-ossidazzjoni, kemm-il darba ma tkunx diġà ttieħdet f'konsiderazzjoni l-ossidazzjoni fl-żvilupp ta' fattur ta' emissjoni speċifiku għal xi attività.

Skeda 4

Regolament 16(3)(a).

Kriterji ta' Verifika

Prinċipji Ġenerali

1. L-emissjonijiet minn attivitajiet elenkati fl-iSkeda 1 għandha tkun soġġetta għal verifika

2. Il-proċess ta' verifika għandu jinkludi konsiderazzjoni tar-rapport ippreżentat konformement mar-regolament 16 u ta' monitoraġġ matul is-sena preċedenti. Għandu jkun jindirizza l-affidabilità, il-kredibilità u ċ-ċarezza ta' sistemi ta' monitoraġġ u tad-*data* u informazzjoni rappurtati dwar l-emissjonijiet, partikolarment:

(a) id-*data* dwar l-attivitajiet rappurtati u qisien u kalkoli li jkollhom x'jaqsmu magħhom;

(b) l-għażla u l-użu ta' fatturi ta' emissjoni;

(ċ) il-kalkoli li jwasslu biex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet komplessivi; u

(d) jekk isir użu mit-tikjil, kemm tkun adatta l-għażla u l-użu tal-metodi ta' tikjil.

3. L-emissjonijiet rappurtati jistgħu biss jiġu validati jekk *data* u informazzjoni affidabbli u kredibbli jkunu jippermettu li l-emissjonijiet jiġu stabbiliti b'livell għoli ta' ċertezza. Livell għoli ta' ċertezza ikun jeħtieġ lill-operatur juri li:

(a) ma jkunx hemm inkonsistenzi fid-*data* rappurtati;

(b) id-*data* tkun inġabret kif hemm fi *standards* xjentifiċi applikabbli; u

(ċ) ir-*records* rilevanti tal-installazzjoni jkunu kompleti u konsistenti.

4. Il-verifikatur għandu jingħata aċċess għas-siti kollha u għal kull informazzjoni dwar dak li għandu x'jaqsam mal-verifika.

5. Il-verifikatur għandu jqis dwar jekk installazzjoni tkunx reġistrata taħt l-iskema Komunitarja ta' *eco-management* u verifika (EMAS).

Metodoloġija

Analisi strategika

6. Il-verifika għandha tkun ibbażata fuq analisi strategika tal-attivitajiet kollha li jsiru fl-installazzjoni. Dan jeħtieġ li l-verifikatur ikollu viżjoni ġenerali tal-attivitajiet kollha u s-sinifikat tagħhom f'dawk li huma emissjonijiet.

Analisi tal-proċess

7. Il-verifika tal-informazzjoni ppreżentata għandha ssir, meta jkun hekk adatt, fuq il-post tal-installazzjoni. Il-verifikatur għandu jagħmel użu minn verifiki fuq il-post biex jistabbilixxi l-affidabilità tad-*data* u l-informazzjoni rappurtati.

Analisi tal-riskju

8. Il-verifikatur għandu, dwar is-sorsi kollha ta' emissjonijiet fl-installazzjoni, jagħmel valutazzjoni dwar l-affidabilità tad-*data* ta' kull sors li tikkontribwixxi għall-emissjonijiet tal-installazzjoni komplessivi.

9. Abbażi ta' din l-analisi l-verifikatur għandu jidentifika espliċitament lil

dawk is-sorsi li għandhom riskju għoli ta' żbalji u aspetti oħra tal-proċedura ta' monitoraġġ u rappurtar li x'aktarx jikkontribwixxu għal żbalji meta jiġu stabbiliti l-emissjonijiet komplessivi. Dan speċjalment jinvolvi l-għażla tal-fatturi ta' emissjoni u l-kalkoli meħtieġa biex jistabbilixxu l-livell tal-emissjonijiet minn sorsi individwali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk is-sorsi li jkollhom riskju għoli ta' żball u lill-aspetti tal-proċedura ta' monitoraġġ imsemmija hawn qabel.

10. Il-verifikatur għandu jikkunsidra kull metodu ta' kontroll ta' riskju effettiv applikat mill-operatur bil-għan li jnaqqas il-livell ta' inċertezza.

Rapport

11. Il-verifikatur għandu jipprepara rapport fuq il-proċess ta' validazzjoni fejn jiddikjara jekk ir-rapport ippreżentat konformement mar-regolament 16 ikunx wieħed sodisfaċenti. Dan ir-rapport għandu jispeċifika kull kwistjoni rilevanti għax-xogħol imwettaq. Dikjarazzjoni li r-rapport ippreżentat konformement mar-regolament 16 ikun wieħed sodisfaċenti jista' jsir jekk, fil-fehma tal-verifikatur, l-emissjonijiet totali m'humiex dikjarati ħażin materjalment.

L-inqas ħtiġiet ta' kompetenza għall-verifikatur

12. Il-verifikatur għandu jkun indipendenti mill-operatur, iwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod professjonali kompetenti u oġġettiv, filwaqt li jifhem:

(a) id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kif ukoll kull *standard* u gwida rilevanti adottati mill-Awtorità konformement ma' dawn ir-regolamenti;

(b) il-ħtiġiet leġislattivi, regolatorji, u amministrattivi rilevanti għall-attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu verifikati; u

(ċ) il-ġenerazzjoni ta' kull informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' kull sors ta' emissjonijiet fl-installazzjoni, partikolarment, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir, tikjil, kalkolu u rappurtar ta' *data*.